

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

FINALI  
2007/0000(INI)

26.3.2007

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

Rapport dwar il-Politika ta' Kompetizzjoni 2005  
(2007/0000(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Elisa Ferreira

PR\_INI

**WERREJ**

**Pàgna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .. **Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA.....**Error! Bookmark not defined.**

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### Rapport dwar il-Politika ta' Kompetizzjoni 2005 (2007/0000(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Kompetizzjoni 2005,
- wara li kkunsidra l-inkjesti settorjali tal-Kummissjoni fis-setturi ta' l-enerġija u tas-servizzi bankarji għall-pubbliku ġenerali (*retail banking*),
- wara li kkunsidra l-oġġettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' diskussjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni ta' Diċembru 2005 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 tat-Trattat fir-rigward ta' abbużi ta' esklużjoni,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat<sup>1</sup>, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-Linjigwida dwar il-metodi ta' kif jiġu ffissati multi imposti skond l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' l-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet)<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-Istudju dwar ir-Rimedji tal-Mergers tad-DĠ għall-Kompetizzjoni 2005 ta' Ottubru 2005,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 794/2007 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra l-Green Paper dwar Azzjonijiet ta' Riżarċiment b'riżultat ta' ksur tar-regoli ta' l-UE dwar l-antitrust (COM(2005)0672) (Green Paper),
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni għall-Għajnuna Statali tal-Kummissjoni dwar anqas għajnuna statali iżda mmirata aħjar: pjan direzzjonali (*roadmap*) għar-riforma ta' l-għajnuna statali 2005-2009 (COM(2005)0107),

<sup>1</sup> ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18.

<sup>3</sup> ĠU C 210, 1.9.2006, p. 2.

<sup>4</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>5</sup> ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1628/2006 ta' l-24 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 87 u 88 tat-Trattat għall-għajjnuna nazzjonali għall-investment reġjonali<sup>1</sup>
  - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni ta' Settembru 2006 dwar Qafas Komunitarju għall-Għajjnuna mill-Istat għar-Riċerka u l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-linjigwida tal-Komunità dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ħarsien ta' l-ambjent<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' linjigwida Komunitarji dwar għajjnuna mill-Istat u investment ta' kapital ta' riskju f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju,
  - wara li kunsidra l-Linjigwida għall-Għajjnuna nazzjonali reġjonali għall-2007-2013<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/842/KE tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 86(2) tat-Trattat KE għall-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku mogħti li ċerti intrapriżi fdati bl-operazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropea relatata mas-servizzi ta' interess ġenerali u, b'mod partikolari, għas-sentenza tagħha ta' l-24 ta' Lulju 2003 fil-Każ C-280/00<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, r-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konusmatur u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0000/2007),
1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjoni tal-Kummissjoni sabiex timmodernizza l-politika tal-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, il-pożizzjoni rinfurzata tagħha fil-konfront tal-ġlieda kontra l-kartelli, it-tqegħid mill-ġdid ta' l-għajjnuna Statali fil-mira u t-tnedija ta' inkjesti settorjali; jifraħ lill-Kummissjoni tal-passi li ħadet lejn l-iffunzjonar imtejjeb tan-Network Ewropew tal-Kompetizzjoni (ECN);
  2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-preferenza attribwita mill-Kummissjoni lejn approċċ ekonomiku għall-infurzar tal-politika ta' kompetizzjoni aktar milli approċċ ibbażat fuq ir-regoli; jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ ta' l-inkjesti settorjali, li huwa eqreb lejn ir-realtajiet tal-prattiki kummerċjali, partikolarment fir-rigward tas-servizzi finanzjarji u tas-settur ta' l-

<sup>1</sup> ĠU L 302, 1.11.2006, p. 29.

<sup>2</sup> ĠU C 37, 3.2.2001, p. 3.

<sup>3</sup> ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

<sup>4</sup> ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67.

<sup>5</sup> Il-Każ C-280/00, Altmark Trans GmbH, Regierungspräsidium Magdeburg v Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH [2003] ECR I-7747.

enerġija; ikompli jisħaq li dawn l-inkjesti għandhom jitfgħu dawl fuq is-sitwazzjoni u t-tendenzi attwali tas-settur u jistimulaw politika ffukata lejn il-ġejjieni;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex ittejjeb il-kwalità ta' l-infurzar tad-deċiżjonijiet fil-kuntest ta' l-ECN permezz ta' aktar kooperazzjoni ma' u bejn awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (NCAs);
4. Iġedded it-talba, fir-rigward ta' kooperazzjoni ma' NCAs u ta' infurzar min-naħa ta' l-NCAs, għal aktar progress fit-tnaqqis ta' inċertezza kkawżata minn interpretazzjonijiet diverġenti tal-KE dwar il-kompetizzjoni min-naħa tal-qrati nazzjonali tal-liġi, kif ukoll diskrepanzi fil-ħeffa, fil-kontenut, u fl-infurzar tad-deċiżjonijiet finali; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra l-ħolqien ta' netwerk ta' awtoritajiet ġudizzjarji, komparabbli ma' l-ECN eżistenti;
5. Iġedded it-talba fir-rigward tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI), meta wieħed iqis id-differenzi konsiderevoli fil-politiki u fil-kunċetti li jippredominaw fl-Istati Membri, għal aktar progress fir-rigward kemm tal-kjarifika tal-kunċetti u kif ukoll ta' l-applikazzjoni Prattika tar-regoli eżistenti ta' kompetizzjoni;
6. Jilqa' b'sodisfazzjon aktar kjarifika ta' l-obbligi tas-servizzi pubbliċi u l-infurzar imtejjeb ta' obbligi bħal dawn fil-każ ta' l-SGEIs, meta wieħed iqis it-tradizzjonijiet regolatorji differenti, il-livell ta' parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, u l-kapaċitajiet ta' infurzar fl-Istati Membri differenti;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fl-adozzjoni tal-proċeduri fi ħdan il-Programm dwar il-Mudell ta' Klemenza ta' l-ECN; jisħaq, madanakollu, li jenħtieġ aktar irfinar ta' dak l-istrument sabiex tiġi evitata l-possibilità ta' użu ħażin, b'mod partikolari, billi b'mod inġust il-parteċipanti aktar dgħajfa jiġu żvantaġġjati fil-kollużjoni;
8. Ifakkar, f'dan id-dawl, il-ħtieġa li l-istrumenti dupliċi ta' azzjonijiet ta' riżarċiment u proċeduri ta' klemenza, sabiex jiġi żgurat li li jkun hemm inċentivi xierqa għal atteġġjament tajjeb;
9. Jesprimi tħassib dwar id-dewmien żejjed fil-proċessi ta' rkupru ta' għajjnuna Statali mhux awtorizzata mogħtija minn diversi Stati Memrbi; jisħaq li infurzar mhux xieraq tar-regoli f'dan il-qasam jista' jagħmel ħsara serja lill-kompetizzjoni ġusta;
10. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-bżonn li jiġu mmoniterjati forom ġodda ta' distorsjoni ta' kompetizzjoni fost intrapriżi Ewropej, l-aktar permezz ta' abbuż fl-użu ta' ħaddiema tas-sengħa b'pagi baxxi taħt il-kappa ta' kuntratti ta' *internship*; jissuġġerixxi li jkun tajjeb li jkun hemm regolament ġdid f'dak il-qasam;
11. Jafferma mill-ġdid il-bżonn ta' rwol akbar għall-Parlament, inkluż il-promozzjoni ta' poteri ta' kodeċiżjoni, fl-iżvilupp tal-politika ta' kompetizzjoni;
12. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi sabiex l-ECN jissaħħaħ fi-qasam ta' l-antitrust, permezz ta' armonizzazzjoni tal-prattiki u interpretazzjoni tan-normi, kif ukoll tad-delegazzjoni ta' kompetenzi u ta' l-iskambju ta' esperjenzi fost l-NCAs;

13. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-falliment relattiv s'issa fil-kisba ta' kompetizzjoni ġenwina fis-swieq ta' l-enerġija; jinnota li, f'ħafna Stati Membri, is-separazzjoni tal-pusses (*ownership unbundling*) tidher li ma kenitx biżżejjed sabiex tiġi assigurata kompetizzjoni xierqa, għaliex l-eżistenza ta' ishma tas-suq għoljin ħafna hija assoċjata ma' aċċess insuffiċjenti għas-suq u għeluq tas-suq;
14. Jistaqsi jekk it-tlestija tas-separazzjoni tal-pusses fis-settur ta' l-enerġija, flimkien maż-żarmar ta' konglomerati vertikali u l-garanzija ta' kundizzjonijiet għal aċċess effettiv għas-suq għandhomx jingħataw aktar prijorità; f'dan il-kuntest, jissuġġerixxi li għandu jkun hemm aktar kjarifika ta' l-istrateġiji ta' kampjun nazzjonali u Ewropew;
15. Ifakkar l-impenn tal-Kummissjoni li tirrevedi r-'regola taż-żewġ terzi' bħala evalwazzjoni approssimattiva (*proxy*) għall-impatt tal-Komunità ta' proposti ta' merġer; jissuġġerixxi li għandu jkun hemm progress f'dan il-qasam u approċċ aktar konsistenti fl-evalwazzjoni ta' operazzjoni komparabbli ta' merġer, jiġifieri kull meta deċizzjonijiet meħuda fuq livell nazzjonali jista' jkollhom impatt b'saħħtu fuq l-istruttura tas-suq fi Stati Membri tad-dawra;
16. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Green Paper tal-Kummissjoni u jenfasizza li d-dritt tal-vittmi li jsofru telf b'riżultat ta' atteġġjament anti-kompetittiv li jiksbu kumpens għandu jkun effettiv;
17. Ifaħħar l-isforzi tal-Kummissjoni li ssaħħaħ l-istrumenti għall-viġilanza ta' kartelli, b'mod partikolari r-reviżjoni ta' proċeduri ta' klemenza u l-linjgwida l-ġodda dwar il-metodu ta' ffissar ta' multi, li jiffukaw fuq ftehimiet fit-tul fis-swieq il-kbar;
18. Jemmen li l-applikazzjoni tar-regoli ta' kontroll ta' merġers nazzjonali u tal-KE tibbenefika sew minn kooperazzjoni fost l-NCAs lejn l-implimentazzjoni ta' bażi ta' data komuni li tirreġistra l-każijiet individwali eżaminati, fil-kuntest ta' netwerk speċifiku għall-iskambju ta' l-informazzjoni;
19. Jinnota li, skond l-Istudju tal-Kummissjoni dwar ir-Rimedji fil-qasam tal-Merġers, l-effettività tar-rimedji strutturali spiss tiddgħajef minn atteġġjament mhux kompetittiv min-naħa ta' l-intrapriżi involuti, b'mod partikolari permezz ta' l-illimitar ta' l-aċċess għas-suq; b'konsegwenza jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżid il-viġilanza fir-rigward ta' *loophole* possibbli fl-infurzar tar-rimedji fil-qasam tal-merġers;
20. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex iżżid it-trasparneza u r-responsabilità pubblika tal-mekkaniżmi eżistenti għall-għajjnuna Statatli; jilqa' b'sodisfazzjon aktar sforzi sabiex tittejjeb it-trasparenza f'dan il-kuntest;
21. Ifakkar il-bżonn li tiġi evitata kompetizzjoni u ripetizzjoni fost l-iskemi ta' għajjnuna Statali fost l-Istati Membri, kif ukoll kull distorsjoni li kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji nazzjonali differenti sabiex jappoġjaw l-għajjnuna Statali jistgħu jintroduċu fis-suq intern; jissuġġerixxi li aktar sforzi mill-Kummissjoni lejn l-armonizzazzjoni ta' prattiki nazzjonali u l-promozzjoni ta' skambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki jkunu ta' rilevanza kbira;
22. Ifakkar il-prinċipju ta' kompatibilità bejn l-għajjnuna Statali u l-politika ta' koeżjoni ta' l-

UE; ifakkar li għajnuna reġjonali individwali approvata lil hinn mill-iskemi reġjonali ta' għajnuna awtorizzati intrinsikament tinvolvi riskji akbar ta' distorsjoni ta' kompetizzjoni;

23. Iqis li l-politika ta' għajnuna statali tal-KE, partikolarment fir-rigward ta' setturi li joperaw f'suq globalizzati, għandhom jiffukaw fuq prattiki ta' għajnuna minn gvernijiet ta' pajjiżi terzi fir-rigward ta' kompetituri; jissuġġerixxi, madanakollu, li għandu jintlaħaq bilanċ billi tingħata preferenza lil sforzi koperattivi u reċiproki ta' rikonixximent, minflok permezz ta' kompetizzjoni ta' sussidji;
24. Jisħaq li l-aġenda l-ġdida tal-Kummissjoni għall-kummerċ, li fil-kuntest tagħha ser jiġu nnegozjati l-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles ma' partijiet magħżulin, tirrikjedi l-involviment mill-qrib tal-Kummissarju għall-Kompetizzjoni sabiex il-kwistjonijiet prinċipali ta' kompetizzjoni jiġu trattati kif jixraq fil-kuntest ta' ftehimiet bħal dawn;
25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

### 1. KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

Fl-2005 numru ta' linji ġenerali li qabel kienu stipulati għar-riforma tal-politika tal-kompetizzjoni daħlu fis-seħħ u ġew ikkonsolidati, u ttieħdu passi ġodda importanti sabiex l-effettività, it-trasparenza u l-koerenza tal-politika Ewropea tal-kompetizzjoni jiġu aġġornati u jissaħħu.

F'termini ġenerali dan ir-rapport jinnota li fl-aħħar snin kien hemm tendenza inkoraġġjanti fil-politika tal-kompetizzjoni li tiffavorixxi l-fehim ta' l-effetti reali u potenzjali ta' Prattiki partikolari jew bidliet fl-istrutturi kummerċjali u li timxi lil hinn mill-applikazzjoni ta' regoli ta' kompetizzjoni f'sens strettament formali (i.e. l-approċċ 'ibbażat fuq ir-regoli'). Għalkemm milqugħa b'sodifazzjoni, din l-għażla toffri sfida akbar mill-metodu tradizzjonali bbażat fuq ir-regoli. Il-kumplessità akbar ta' l-approċċ il-ġdid m'għandux jitħalla joħloq inċertezza għall-kummerċ, speċjalment għall-intrapriżi ż-żgħar, jew biża' mir-riskju li tmur kontra l-għanijiet tal-politika għall-kompetizzjoni.

Ta' min jilqa' b'sodisfazzjon ukoll it-tendenza lejn id-deċentralizzazzjoni li qed tinħass dejjem aktar fil-politika Ewropea għall-kompetizzjoni wkoll; madanakollu jinħtieġ aktar xogħol sabiex il-kriterji għall-interpretazzjoni u n-normi ta' implimentazzjoni jiġu armonizzati fil-varji Stati Membri u istituzzjonijiet individwali. Huwa vitali li jiġi assigurat livell ta' konsistenza fl-infurzar fil-pajjiżi diversi; għal dak il-għan, is-sistemi legali nazzjonali u speċjalment il-qrati hemm bżonn li jkunu involuti flimkien ma' l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni.

Ir-rapport li tiegħu qed issir reviżjoni jikkonferma li l-kompetizzjoni għad għandha nuqqasijiet serji fi swieq ta' importanza strateġika (l-enerġija, pereżempju) u f'servizzi (inklużi servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali). Fid-dawl tat-tħassib dwar is-sigurtà strateġika u l-kopertura universali, jenħtieġ li l-oġettivi tas-settur li jirregolaw ir-regoli ta' kompetizzjoni jiġu ċċarati u li l-istruzzjonijiet jiġu assenjati lir-regolaturi; barra minn dan, il-bżonn li l-kapaċità regulatorja pubblika tiġi rikonċiljata mal-poter dejjem jikber tal-partijiet involuti fis-suq jista' jidher aktar ċar permezz ta' analiżi bbażata fuq is-setturi. Għalhekk, meta jiddeterminaw is-setturi prijoritarji tagħhom, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għandhom jistipulaw kriterji ċari u tondi u jstabbilixxu bażi koerenti li fuqha jevalwaw l-impatt ta' l-azzjonijiet tagħhom fuq il-benesseri tal-konsumaturi u l-ħarsien ta' l-interessi tagħhom.

### 2. PRATTIKI LI JRAŻŻNU L-KOMPETIZZJONI ('ANTITRUST')

Fost il-passi l-ġodda l-aktar notevoli, fid-direzzjoni t-tajba, hemm il-Green Paper dwar ir-Riżarċiment għall-ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust u l-linjigwida dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 għall-abbużi ta' esklużjoni li ġew ippublikati lejn l-aħħar ta' l-2005; fir-rigward ta' azzjoni meħuda, tnedja l-Programm dwar il-Mudell ta' Klemenza, hekk kif tnedew żewġ inkjesti settorjali, u bdiet ir-reviżjoni tal-linjigwida biex jiġu mmultati l-kartelli. In-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni (ECN) huwa, flimkien ma' dan kollu, ċentrali għall-implimentazzjoni b'suċċess tar-regoli l-ġodda miġbura fir-Regolament (KE) Nru 1/2003.



Dawn il-miżuri kollha jwasslu għal politika ta' kompetizzjoni aktar effettiva.

Madanakollu, l-attenzjoni tal-Kummissjoni għandha tingħbed f'din it-taqsimha lejn ċerti oqsma li fihom hemm lok għal titjib fir-rigward tal-kompetizzjoni.

Fis-settur finanzjarju għad hemm problemi serji ta' kompetizzjoni u regolazzjoni. Is-suq Ewropew għadu qed ikun suġġett għal arranġamenti eċċezzjonali li fil-prattika jservu biex jiġu favoriti l-partijiet nazzjonali involuti. Għandhom ukoll jittieħdu aktar passi lejn armonizzazzjoni ġenerali tal-kriterji u l-prattiki rispettivi applikati mir-regolaturi u l-entitajiet ta' superviżjoni.

Rigward ix-xogħol inniedi mill-Kummissjoni dwar il-linjigwida dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 għal abbużi ta' esklużjoni, ir-rakkomandazzjonijiet tal-PE, stipulati fittra mibgħuta lill-Kummissarju f'Marzu 2006, enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi garantit standard għoli ta' viġilanza fir-rigward ta' abużi tas-suq u li d-deċiżjonijiet jittieħdu aktar b'mod konsistenti u prevedibbli, bbażati fuq il-fehim li l-evalwazzjoni ta' l-effiċjenza ekonomika tal-prattiki kellha tkun sekondarja għall-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumatur.

Wieħed ma jistax jiċħad li l-Programm dwar il-Mudell ta' Klemenza tal-Komunità jgħib miegħu vantaġġi mil-lat ta' qbid u ta' kundanna ta' kollużjoni, iżda dawn jistgħu jitjiebu li kieku l-programm kellu jiġi implimentat b'mod aktar effettiv fil-livell prattiku. Huwa essenzjali li l-programm ma jithaliex jintuża b'mod ħażin, kemm billi l-applikanti jitħallew jisfruttaw artifiċjalment l-applikazzjonijiet ta' klemenza u kemm, f'termini relattivi, billi jiġu penalizzati intrapriżi li, bħala partijiet involuti iżgħar, ikunu anqas kapaċi li jżidu xi ħaġa ta' rilevanza għall-proċeduri.

Għal darb'oħra dak li jgħodd huwa li tiġi prodotta inizzjattiva li tippermetti linjigwida ċari u trasparenti sabiex jgħaddu għand l-intrapriżi, speċjalment l-SMEs.

B'komplimentarjetà għall-inizzjattiva msemmija hawn fuq, il-Parlament jilqa' b'sodifazzjon il-fatt li l-prattika tar-riżarċiment għall-ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust għandha tiġi applikata kif previst fil-konklużjoni tal-Green Paper, għaliex din toħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-kumpens għal ħsara kkawżata lil ċittadini jew intrapriżi, b'mod partikolari SMEs. Ser ikun jenħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' kunflitt potenzjali bejn l-inċentivi mogħtija fi ħdan il Programm Komunitarju dwar il-Mudell ta' Klemenza u l-obbligu li jsiru emendi, kif stipulati fil-Green Paper.

Raġuni aħħarja ta' tħassib hija li l-intrapriżi jistgħu jiġu mħajra jidħlu f'forom ġodda ta' kompetizzjoni inġusta b'riżultat tal-fatt li ħaddiema żgħażaġħ tas-sengħa qed jiġu dejjem aktar impjegati bħala apprentice skond arranġamenti miftuħa u mhux regolati li ma jikkonformawx mall-paga minima u ma' l-istandards ta' drittijiet ta' impjeg.

## 2. MERGERS U AKKWIŻIZZJONIJIET (M & A)

L-aħħar żviluppi fis-suq wieħed, speċjalment fir-rigward ta' servizzi ta' enerġija u dawk finanzjarji, juru n-nuqqasijiet tar-regolament Komunitarju attwali li japplika għall-mergers u l-akkwizzjonijiet.

Kif ammetta pubblikament il-Kummissarju f'Novembru 2005, ir-regola taż-'żewġ terzi', b'referenza għat-dawran (*turnover*) domestiku, mhix aktar adattata biex tiddelinja sa fejn twassal is-setgħa tal-Kummissjoni fl-evalwazzjoni ta' mergers b'impatt Komunitarju. Id-differenzi fost l-arranġamenti nazzjonali ta' regolazzjoni jżidu mad-distorsjoni, u għalhekk operazzjonijiet b'impatt komparabbli mhumiex itrattati b'mod konsistenti.

Il-konċentrazzjoni ta' setgħa fis-suq fi Stat Membru wieħed jista' jkollha effetti sinifikanti fi Stat Membru wieħed ieħor jew aktar jekk is-swieq domestiċi tagħhom jiddependu fuq l-istruttura industrijali li tkun qed tiġi żviluppata fi swieq ta' madwar. Biex l-affarijiet ikunu agħar, jista' jagħti l-każ li regolatur nazzjonali japprova mergers suġġetti għal impenji b'impatt transkonfinali u r-rabta meħtieġa mar-regolaturi fil-pajjiżi ġirien ma tkunx teżisti. Dawn il-problemi jsiru aktar gravi fis-swieq li qegħdin fuq in-naħa ta' barra ta' l-Unjoni minħabba d-diffikultajiet ta' interkonnessjoni u d-daqs tipikament iżgħar tas-suq.

Il-parlament għalhekk qed jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposta sabiex tirrevedi l-qafas regolatorju sabiex tippermetti li s-suq intern jinbena fuq is-sisien ta' koerenza.

Suġġeriment ieħor, sabiex jitjiebu l-istandard u l-konsistenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet, huwa li tinħoloq bażi ta' data bħala parti mill-arranġamenti ta' koperazzjoni ta' l-ECN sabiex jiġi pprovdut reġistru ċentralizzat ta' każijiet ta' M & A eżaminati sabiex jgħinu fl-evalwazzjoni ta' impatt komparattiva ta' l-impenji proposti meta jiġu trattati l-pjanijiet ta' mergers.

## **Il-każ ta' l-enerġija**

Is-settur ta' l-enerġija u s-soluzzjonijiet attwati jistgħu joħlqu eżempju għal setturi oħrajn. L-inkjesta settorjali dwar is-swieq tal-gass u ta' l-elettriku kixfet b'mod ċar ġabra kumplessa ta' ostakoli għall-konsolidazzjoni tas-suq wieħed u għall-garanzija ta' kompetizzjoni ġenwinament ġusta.

B'mod partikolari, s-separazzjoni tal-pussess għadha ma seħħitx f'diversi swieq nazzjonali ta' l-elettriku. Agħar minn hekk, hemm każijiet fejn is-separazzjoni twettqet, iżda l-produzzjoni u d-distribuzzjoni għandhom vertikalment integrati. L-implimentazzjoni tas-separazzjoni, kif mitluba mit-Tieni u t-Tielet Direttiva dwar l-Elettriku u l-Gass, għandha tkun prijorità għall-azzjoni tal-Kummissjoni,

L-esperjenza tas-swieq ta' l-enerġija l-aktar avvanzati fl-Unjoni turi li s-suq wieħed ma jistax jiġi konsolidat sakemm is-swieq reġjonali ma jkunux qed joperaw mingħajr problemi. Din hija kundizzjoni bil-quddiem. Is-swieq reġjonali għandhom ikunu interkonnessi sew, iżda dan, għalkemm meħtieġ, mhux biżżejjed sabiex jintlaħqu l-miri meħtieġa. Aktar azzjoni hija b'hekk meħtieġa: ir-regolaturi għandhom jaħdmu flimkien biex iwettqu xogħlijiet standardizzati; kull forma ta' protezzjoni tas-suq pubbliku għandha tiġi abolita, u bl-istess mod għandhom jiġu aboliti d-differenzi fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti bejn Stat Membru u ieħor.

## **3. GĦAJNUNA STATALI**

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-Għajjnuna Statali għandu jintlaqa' b'sodisfazzjoni, u l-linjigwida reġjonali l-ġodda, li l-abbozzar tagħhom beda fl-2005, u l-komunikazzjoni dwar l-għajjnuna għall-innovazzjoni, bl-istess mod huma ta' sodisfazzjon.

Minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tarmonizza l-prattiki u tiggarrantixxi t-trasparenza, hemm evidenza ta' inċentiv de facto għar-rivalità bejn ir-reġjuni ta' l-UE u l-Istati Membri; flimkien mal-fatt li politiki oħrajn, mhux lanqas il-politika fiskali, ma ġewx armonizzati, dan jista' jkollu l-effett aħħari li joħloq inflazzjoni fl-ammont ta' għajjnuna mogħtija u jħeġġeġ ir-rilokazzjoni artifiċjali ta' kumpaniji fi ħdan iż-żona Ewropea, u jwassal għal konsegwenzi serji għal xi reġjuni u pajjiżi.

Fattur ieħor li jtellf il-kompetizzjoni b'saħħitha hija d-differenza fir-rendimenti ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' l-irkupru ta' għajjnuna imħallsa bi żball li jkun reali u fil-pront. Il-Kummissjoni ħaqqa kull tifħir għall-isforzi tagħha sabiex ittejjeb din is-sitwazzjoni.

L-impenji ewlenin internazzjonali ta' l-UE fir-rigward tal-kontroll ta' emissjonijiet velenużi m'għandux isir fattur ieħor li jservi sabiex joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni f'termini settorjali. Il-modi differenti li bihom l-Istati Membri jallokaw l-allokkazzjoni ta' emissjonijiet fost is-setturi individwali, il-livell differenti sa fejn il-kumpaniji jistgħu jgħaddu l-ispejjeż ta' l-akkwist ta' l-allokkazzjonijiet ta' emissjonijiet lill-konsumaturi, u n-natura diversa ta' għajjnuna Statali relatata ma' l-ambjent huma kollha kwistjonijiet li l-Kummissjoni hemm bżonn li żomm taħt għajnejha.

#### 4. ID-DIMENSJONI INTERNAZZJONALI

Billi l-kompetizzjoni fis-setturi ewlenin saret globalizzata, id-dimensjoni internazzjonali tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Komunità hija ta' importanza kbira. Il-Kummissjoni għalhekk ħaqqa kull tifħir għall-kisbiet tagħha fil-qasam ta' kooperazzjoni multilaterali u kooperazzjoni bilaterali ma' sħab ewlenin, inklużi l-Istati Uniti, il-kanada, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, u, fuq kollox, iċ-Ċina.

L-attenzjoni tal-Kummissjoni għandha tinġibed għall-fatt li, meta tkun qed tistipola l-iskema ta' għajjnuna għal kull settur, hi għandha tqis il-livell ta' għajnuniet Statali mogħtija mill-kompetituri internazzjonali ewlenin ta' l-UE, għaliex kull mossa għandha tkun appoġġjata jekk hija maħsuba sabiex iġġib bilanċ u armonizzazzjoni fil-prattiki msemmija.

Huwa essenzjali għall-politika tal-kompetizzjoni ta' l-UE li tkun konsistenti mal-politika kummerċjali, speċjalment fid-dawl ta' l-aġenda l-ġdid li jisimha 'Ewropa Globali: nikkompetu fid-dinja', li hija orjentata lejn ftehimiet ta' kummerċ ħieles reġjonali. Id-DĠ għall-Kompetizzjoni hemm bżonn li jkun involut b'mod attiv ħafna sabiex isaħħaħ l-isforzi sabiex jinkiseb rikonoxximent reċiproku ta' Prattiki kompetittivi, speċjalment fil-qasam ta' għajnunet Statali, appalt pubbliku, servizzi, investiment, u faċilitar ta' kummerċ.